**27 ta' April, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C. B.A., LL.D., President**
**Onor. J. Flores, B.L.Can.**
**Onor. Jos. Henry Xuereb, LL.D.**

Joseph Debono noe.

*versus*

Av. Dr. Victor Caruana Colombo, et. noe.

## PROĊEDURA TA' ROGATORJI — PRESKRIZZJONI QASIRA

*Każ fejn il-Qorti ta' l-Appel ammettiet il proċedura tar-rogatorji biex jiġi deferit il-ġurament lill-konvenut imsiefer, dwar l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni qasira li kienet ġiet imqajma mir-rappresentant tiegħu.*

Il-Qorti, Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Joseph Debono ta' l-għaxra (10) ta' Jannar, 1964 li bih talab li jiddeferixxi lill-konvenut Michele Bartolo, imsiefer, il-ġurament kontemplat fl-artikolu 2265 (1) tal-Kodiċi Ċivili, permezz ta' rogatorji.

Rat il-mistoqsija li għandha ssir lill-imsemmi Bartolo kif sostitwita bin-nota ta' l-istess Debono tas-sbatax (17) ta' April, 1964, u t-traduzzjoni bl-Ingliż ta' dik il-mistoqsija konfermata bil-ġurament ta' l-Avukat Dottor Giuseppe Pace.

Rat il-verbal tal-ġurament rikjest mill-artikolu 615 tal-Kodiċi ta' Proċeduca Ċivili.

Tikkunsidra:—

Dottor Caruana Colombo oppona ruħu għat-talba ta' l-attur prinċipalment għaliex dik it-talba messa saret in prim' istanza. Għandu jiġi osservat pero, kif irrileva l-attur illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet sollevata minn Dottor Caruana Colombo quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti b'nota fir-Reġistru tal-Qorti fil-ħmistax (15) ta' Mejju, 1963 meta l-kawża kienet tinsab differita għall-wieħed u għoxrin (2) ta' Mejju, 1963 biex, kif intqal fil-verbal hu jkun jista jikkommunika mal-konvenut. Dik in-nota ma tidherx li ġiet la notifikata lill-attur u anqas biss kommunikata lill-Avukat tiegħu. Intant fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju, 1963, il-kawża ġiet deċiża bl-akkoljiment ta' dik il-preskrizzjoni.

Minn dana jidher illi l-attur anqas kellu l-opportunita li jqajjem quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti l-kwistjoni tal-ġurament tal-konvenut.

Mill-banda l-oħra Dottor Caruana Colombo irrikonoxxa, fuq il-kwistjoni legali tal-meritu, illi una volta li hu qed jirrappreżenta bniedem verament imsiefer, li għadu ħaj, u magħruf fejn jinsab, il-preskrizzjoni opposta minnu ma tistax isseħħ, kemm il-darba l-attur irid jiddeferixxi l-ġurament lill-konvenut u dan ma jaħlefx kif kontemplat fl-imsemmi artikolu 2265(1) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jgħid illi l-preskrizzjonijiet qosra ma jkollhomx effett jekk min jeċċepihom meta jingħatalu l-ġurament ma jiddikjarax li m'hux debitur jew li ma jiftakarx jekk id-dejn ġiex imħallas.

Il-proċedura permezz ta' rogatorji biex jiġi diferit l-

imsemmi ġurament hi għalhekk ammissibbli f'dan l-istadju u indispensabbili fis-sens tal-liġi.

L-attur, fir-rikors tiegħu ġa' fuq imsemmi ta' l-għaxra (10) ta Jannar, 1964, ġa ndika l-isem u l-indire'zz tal-persuna li għandha tirrappresentah fis-smiegħ tal-konvenut għall-finijiet ta l-imsemmi ġurament u Dr. Caruana Colombo indika bħala r-rappreżentat tiegħu lil John R. Davies LL.B. 81 Elizabeth Street, Corner King Street, Sydney N.S.W.

Għalhekk il-Qorti tordna lir-Reġistratur jikteb ittra rogatorjali lill-Awtorita li lilha jmiss u jitlobha biex tiddeferixxi jew iġiegħil li jiġi deferit il-ġurament lill-imsemmi Michele Bartolo wara li javża lir-rappreżentant ta' l-attur u lill-istess Michele Bartolo u John R. Davies fuq imsemmi bil-ħin u bil-post meta u fejn il-ġurament għandu jiġi deferit.

Ma l-ittra rogatorjali r-Reġistratur għandu jdaħħal kopja ta' dan id-degriet u tal-mistoqsija u fl-istess ħin jitlob lill-Awtorita fuq imsemmija tibgħat l-inkartament lura lill-konessjoni ordnata mill-Qorti b'degriet tad-19 ta' Ottubru, 1964, "Onorevoli Prim Ministru" ta' dawn il Gżejjer biex dan imbagħad jibgħatu lill din il-Qorti.

Spejjeż provviżorjament għall-attur.